MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 350/2008

**A sive B C f' isimha prorpju u ghan-nom**
**u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri D**
**vs**
**E C li b'digriet tat-22 ta' Settembru 2008 gie nominat**
**kuratur deputat sabiex jirrapprezenta**
**lil zewgha F C assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendent izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elf, disgha mija, tnejn u tmenin (1982), kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett ulied u cioe' Amanda li ghandha erba' u ghoxrin sena u li hi

maggorenni, Omar li ghandu tmintax-il sena u li hu magorenni, u D li ghandha sitt snin u ghalhekk ghadha minorenni.

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment htija tal-konvenut minhabba li abbanduna lill-martu l-attrici u lill-uliedu skond l-Artikolu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ilu nieqes minn Malta ghal dawn l-ahhar hames snin minghajr ma jaghmel ebda kuntatt maghhom.

4. Illi di piu il-konvenut ghandu relazzjoni adultera flagranti ma' haddiehor.

5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet iz-zwieg tkisser irrimedjabilment skond l-Artikolu 40 tal-Kap. 16.

6. Illi l-attrici ghamlet diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni izda dawn ma waslu imkien minhabba li l-konvenut ma jirrispondi ebda forma ta' komunikazzjoni li ppruvat taghmel mieghu.

7. Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet numru 1372/08 moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Awwissu 2008 (Dok. B).

8. Illi r-rikorrenti taf b' dawn il-fatti personalment.

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat.

2. Taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri D lir-rikorrenti b' mod esklussiv inkluz dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Tillikwida, tiffissa u tordna lill-intimat ihallas manteniment xieraq u adegwat skond l-introjtu finanzjarju tal-intimat, u dan kemm ghat-tifla minuri u kemm ghar-rikorrenti pagabbli lir-rikorrenti.

4. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn dawk id-drittijiet tieghu, kif jigi stabbilit minn din il-Qorti skond ir-rizultanzi, u dan a tenur ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

6. Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi u d-debiti ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f' dik il-proporzjoni u b' dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din il-Qorti, mhux necessarjament fi proporzjonijiet ugwali, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

7. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-Artikolu 48, et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti skond ic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat li l-konvenut baqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawzi, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta’ Awwissu 1982, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett-it tfal li, wahda minnhom, D, illum ghanxha circa seba’ [7] snin.

Illi mill-provi jirrizulta li f’ xi zmien il-partijiet kienu dahlu garanti flimkien b’ ipoteka fuq id-dar matrimonjali fl-ammont ta’ LM60,000, sabiex jaghmlu tajjeb ghan-negozju tas-socjeta’ LAJJ Enterprises li minnhom huma ghandhom 10% ta’ l-ismha. Jidher li n-negozju mar lura, u dan, flimkien ma’ l-imsemmija jpoteka, kienu l-fonti ta’ l-inkwiet matrimonjali li beda jxaqqaq ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, partikolarment in vista tal-fatt li dan il-piz finanzjarju kellu effett negattiv qawwi fuq l-kondizzjoni mentali tal-konvenut assenti ; bir-rizultat li f’April 2005 huwa kien abbanduna d-dar konjugali, meta kien baghat email minn barra lill-attrici fis-sens li huwa kien ser jaqta’ kull kuntatt maghha u ma’ uliedhom ; u ghalhekk l-attrici thalliet tfendi ghar-rasha b’ bintha minuri, b’ dejn mal-Bank of Valletta li llum ilahhaq mal-€197,996 circa, garantit fuq id-d-dar matrimonjali li fil-prezent qeda tghix fiha l-attrici, flimikien ma’ uliedha, liema dejn hi mhjiex fil-pozizzjoni li taghmel tajjeb ghalih, tant, li qeda tistenna li id-dar tinbigh mill-bank.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-kwadru premess, sostnut mix-xhieda l-ohra, inkluzi l-genituri tal-konvenut, il-Qorti tirravviza l-abbandun kontemplat fl-artikolu 41 ta’ l-imsemmi Kap, stante li l-konvenut, minghajr raguni gusta, abbanduna d-dar matrimonjali ghal aktar minn sentejn.

Inoltre, dan jikkwalifika wkoll bhala ngura gravi fit-termini ta’ l-artikolu 40, stante li, il-fatt li l-konvenut abbanduna lil martu u lil bintu minuri u hallihom ifendu ghar-rashom b’ dejn sostanzjali fuq id-dar residenzjali taghhom ghandu karattru ngurjuz.

Mill-banda l-ohra, pero’, ghalkemm fir-rikors promotur l-attrici tiddikjara li l-konvenut zewgha “ghandu relazzjoni adultera flagranti [sic] ma’ haddiehor”, il-provi ma jsostnux dawn il-fatti, stante li minn imkien ma rrizulta b’ mod

sodisfacenti li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' mara ohra.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut assenti, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikoli 40 u 41 ta' l-imsemmi Kap. u timmerita li tigi miluqgha.

**Kura u Kustodja**
Illi ma jezisti ebda dubju li l-interessi tal-minuri D jiddettaw li dina tibqa' fil-kura u kustodja esklussiva ta' l-attrici li ilha tiehu hsiebha minn mindu twieldet. Ghalhekk qeda tafda l-kura u kustodja ta' din il-minuri f' idejn l-attrici ; bid-dritt ta' access favur il-missier, li l-modalita' tieghu jigi stabbilit fuq talba appozita minn dan ta' l-ahhar.

**Manteniment**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici tahdem, u bil-paga taghha tmantni lilha n-nifisha u t-tfal taghha, bl-ghajnuna wkoll tan-nanniet paterni.

Illi l-konvenut huwa obbligat li jhallas manteniment lil martu, kemm-il darba dina tisfa' bla xoghol, stante li huwa l-parti hatja tas-separazzjoni ; kif ukoll ghandu l-obbligu assolut li jmantni, jew jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu minuri.

Illi, stante li l-konvenut ilu snin ma jibaghat flus lill-attrici bhala manteniment ghal bintu, il-Qorti, f' dan ir-rigward ser tassenja sehem il-konvenut mill-komunjoni ta' l-akkwisti lill-attrici biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-konvenut f' dan ir-rigward.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fid-dar matrimonjali li bl-isem "Aloha" Vincenzo Dimech Street, fiz-Zurrieq[1] u li ghandha valur ta' €174,703; l-ghamara li hemm fiha, tal-valur ta' circa €23,293.73 ; zewg karrozzi tal-valur rispettiv ta' €349.41 u €3,494.06 ;  kif ukoll hemm xi ismha tan-negozju. Mill-

[1] Vide kuntratt Dok.A fol.38 et seq.

banda l-ohra hemm dejn mal-Bank of Valletta ta' circa €197,996.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-d-dar matrimonjali tinbigh bis-subbasta, u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn kollu dovut lill-imsemmi bank u gravanti l-istess fond, jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wahda tinghata lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni, u n-nofs l-iehor jinghata wkoll lill-attrici akkont tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal bintu D.

Illi s-sehem tal-konvenut mill-kumplament ta' l-assi, qed jigi assenjat lill-attrici, ghas-saldu tal-manteniment dovut minnu ghal bintu D.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi :

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut assenti ;

[2]tilqa' t-tieni talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tilqa' it-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjonijiet ntestati "Manteniment" u "Komunjoni ta' l-Akkwisti";

[4] tilqa' ir-raba talba u s-seba talbiet fl-intier taghhom ;

[5] tilqa' il-hames u s-sitt talba, u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u li din tigi likwidata u assenjata kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti".

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------